MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Numru 390/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Magro**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Paul Magro talli nhar is-16 ta’ Lulju 2008 gewwa l-Grand Hotel, Triq Sant’Antnin Ghajnsielem, Ghawdex minn gewwa l-games room ghal habta tas-sitta u nofs (18:30hrs) ta’ fil-ghaxija

1. Seraq €130 ghad-detriment tal-Grand Hotel (Ghajnsielem) liema serq huwa aggravat bil-mezz u bin-natura tal-haga misruqa.

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf

mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) detriment tal-Grand Hotel (Ghajnsielem)

3. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

4. U aktar talli ikkometta reat fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu nhar id-29 ta’ Gunju 2008 mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-16 ta’ Settembru 2010 li fil-parti dispozittiva taghha tghid:

“Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b), 263(a), 278(1), 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet u r-raba akkuzi migjuba fil-konfont tieghu, issibu hati tal-ewwel akkuza u cioe’ l-akkuza dwar is-serq aggravat biss bil-mezz, kif ukoll tat-tieni akkuza u tikkundannah ghal perijodu ta’ tmien xhur prigunerija.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Paul Magro minnu prezentat fis-27 ta’ Settembru 2010 li permezz tieghu talab li tigi mibdula u varjata s-sentenza fuq imsemmija fejn (sic) tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn il-Qorti illiberat lir-rikorrenti mit-tielet u r-raba akkuza u tbiddel il-parti fejn sabitu hati fuq l-ewwel u t-tieni akkuza b’dana li tilliberah u sussidjarjament fin-nuqqas tvarja s-sentenza billi taghti piena iktar ekwa fic-cirkostanzi odjerni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal li sar fis-seduta quddiem din il-Qorti tal-14 ta’ Jannar 2011 li bih Dr. Anton Refalo ghan-nom tal-appellant iddikjara li qed jillimita l-appell tieghu esklusivament ghall-piena u esebixxa ittra, bl-

awtorizzazzjoni tal-Qorti, minghand l-Agenzija Caritas Malta mmarkata Dok. PM1.

Semghet it-trattazzjoni.

Ghandu jinghad qabel kollox li, tenut kont tax-xhieda guramentata tal-appellant quddiem l-ewwel Qorti li fiha ammetta l-akkuzi kontra tieghu, inkluz li hu recidiv fir-reat ta’ serq, dan l-appell kien jigi ritenut frivolu u vessatorju u kien jimmerita s-sanzjoni tal-*ammenda* prevista fl-artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali li ma kienx ghall-fatt li l-avukat tal-appellant, b’mod ghaqli, illimita l-appell ghall-piena permezz tal-verbal tieghu fuq imsemmi ghan-nom tal-appellant.

Dwar il-piena, l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-imputat appellant hati ta’ serq aggravat bil-mezz u ta’ hsara volontarja ghal ammont li jeccedi €116.47 izda ma jeccedix l-€1164.69. Il-piena ghar-reat ta’ serq aggravat bil-mezz hija dik ta’ prigunerija minn hames xhur sa tlett snin waqt li dik ghar-reat imsemmi ta’ hsara volontarja hija ta’ prigunerja ghal hames xhur sa sena. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(1)(b) tal-Kodici Kriminali il-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti, kif mistqarr fis-sentenza taghha, hi verament fil-minimu assolut taghha. Meta jittiehed qis tal-fatt li l-fedina penali tal-appellant hi wahda refrattarja ghall-ahhar b’diversi sejbien ta’ htija ghal numru ta’ reati serji inkluzi diversi reati ta’ serq l-ewwel Onorabbli Qorti kienet gja ferm generuza mal-appellant fis-sentenza taghha.

Quddiem din il-Qorti l-appellant ipprezenta dikjarazzjoni rilaxxjata minn *facilitator* tal-Caritas li turi li l-appellant kien beda programm ta’ riabilitazzjoni mid-droga izda li dan abbandunah ghal ragunijiet ta’ sahha. Ma jirrizultax x’kienu dawn ir-ragunijiet ta’ sahha u li zammewh milli jkompli bil-programm. Inoltre, fl-istess certifikat hemm konfuzjoni dwar id-dati relevanti tant li jinghad li l-imputat waqaf mill-programm fit-8 ta’ Frar 2010 mentri l-istess certifikat hu datat 11 ta’ Jannar 2010. Fi kwalunkwe kaz, waqt li hu lodevoli l-fatt li l-imputat seta beda programm ta’ riabilitazzjoni li izda ma kompliehx, din il-Qorti, bhall-

ewwel Qorti, ma tistax ghal daqshekk tinjora l-istorja ta' delitti ripetuti tal-imputat minkejja l-isforzi tal-Qorti sabiex tistradah fit-triq it-tajba. L-imputat baqa ma tghallimx u jidher li kien biss wara li tressaq akkuzat bir-reati *de quo*, meta naturalment induna li l-Qorti ma setghetx izjed tkun tolleranti mieghu, li ddecieda li jibda jattendi l-programm tal-Caritas, u dan wara storja ta' abbuz ta' droga li ta' l-anqas tirrisali ghall-1997. Il-Qorti, ghalhekk, ma hi xejn konvinta dwar il-genwinita' tal-appellant li jirriforma ruhu.

Ghal darb'ohra jigi ribadit li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-ligi u sakemm dik il-piena ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti. F'dan il-kaz ma jezistux ragunijiet tali.

Finalment, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-dokumenti X (fol. 51) u X1 (fol. 54) li jippretendu li huma fotokopji ta' certifikati medici suppost rilaxxjati fl-24 ta' Novembru 2008 u fit-18 ta' Settembru 2009 u li gew esibiti mill-avukat tal-appellant fil-kors tal-proceduri fl-ewwel istanza. Kif rilevat l-ewwel Qorti, izda, jidher li l-istess certifikati huma replika ta' xulxin hlief ghad-data u li ghalhekk jaghtu lok ghal suspett li seta kien hemm xi falsifikazzjoni fihom apparti possibilment reati ohrajn. Ghalhekk din il-Qorti ser taghti l-provvediment infraskritt.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell ta' l-imputat Paul Magro u tikkonferma s-sentenza appellata.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali ghal kull investigazzjoni opportuna, u occorrendo ghal dawk il-proceduri ulterjuri li jistghu ikunu indikati, in konnessoni mad-dokumenti X u X1 a fol. 51 u 54 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------